# ĦELSIEN

Oh wisa' tal-egħlieqi dejjem ħadra,
Oh firxa ta' ħlewwiet b'kull ġmiel mogħnija,
Intom il-ġid li għażilt f'żgħożiti,
Is-sehem tal-ħajja tiegħi.
Darba rajt triq sabieħa
Mizgħuda ward u kwiekeb
U fiha fieres aħmar
Fuq debba bajda riekeb
Li b'daħka ħelwa kemm fuq ruħha
"Imxi żagħżugħ minn din it-triq", hu qalli,
"Għalik tinsab miftuħa".
Ma jien, għelieqi ħelwa,
Xħin rajtkom tidħku minn ġot-tieqa tiegħi
U smajt il-blielel igħannu
Fin-namra qalb il-friegħi;
U s-sema u l-art jitkebbu
Ġo dawl ta' kbira dija
Li qlub iż-żgħażagħ kollha
Tistieden għat-tgawdija
Fil-waqt li ġewwa l-ġonna
Kull warda li titrabba
Tlissen b'leħinha ċkejken
Imħabba, mħabba, mħabba;
Insejt kull ġmiel, insejt kull tama' sbejħa,
Insejt kull sebħ u ġieħ
U ħriġt ngħanni ġo fikom
Il-għanja tal-mistrieħ.
Sakemm ġo triqti nibet dell ta' tfajla
Li raġa' ġedded iż-żgħożija tiegħi
U biddel ħajja li għad ma għexha ħatt
F'rebbiegħa twarrad dejjem
Rebbiegħa ma tmut qatt
Ejja, ja tfajla, ejja
Ġo din il-ħajja li jien ħtart għalik
L'egħlieqi tmewweġ tkun il-firxa tagħna
Is-sodda li thennik
U l'għanja tal-għasafar
Id-daqqa li thennina
Il-għanja li tnessina
Il-mixja minn taż-żmien
Ejja, ja tfajla, ejja
Nitrejqu flimkien
Bil-ħobż ta' l'imħabba, bl'imbid tal-ħelsien

Ġorg Pisani.